# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum, l-Erbgha 14 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 23/2019 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**SA**

**-vs-**

**AA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' SA datat 28 ta' Jannar 2019, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghal din il-kawza in segwitu ghad-digriet moghti u mahrug nhar it-12 ta' Dicembru, 2018, kopja tad-digriet qeghda tigi annessa u mmarkata Dok. 'A';*

2. *Illi l-partijiet izzewgu nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996) gewwa r-Registru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Valletta, skont kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn esebit, anness u mmarkat Dok. 'B';*

3. *Illi mill-unjoni ta' bejn il-partijiet twieled tifel, DA li twieled nhar X, illum maggorenni u jahdem fuq bazi fulltime;*

4. *Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet*

*rikonoxxuti mill-Ligi referibilment l-abbandun tal-intimat li circa sitt snin (6) ilu telaq mid-dar matrimonjali dan ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Illi l-attrici ilha sa miz-zmien illi l-intimat telaq u abbanduna d-dar matrimonjali ma tisma b'ahbarhu u ma' kellha ebda kuntatt mieghu jew ma familjari tieghu hlief ghal xi drabi meta kien hemm il-possibilita li jisseparaw b'mod bonarju, liema separazzjoni ma sehhitx proprju stante l-fatt li l-intimat ma tfaccax ghal pubblikazzjoni tal-Att ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet;*

6. *Illi ghalhekk ghar-ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi illum il-gurnata l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli u ma tezizti ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

7. *Illi l-attrici qeghda titlob sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentament jigi ddikjarat il-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar id-19 ta' April, 1996 ai termini ta' l-Artikolu 66C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u inoltre sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddisponi mutatis mutandis ai termini ta' l-Artikolu 66D (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta mit-talbiet imressqa mill-attrici liema talbiet huma ai termini tas-Sub titolu III tat-Titolu I tal-Ewwel ktieb tal-16 tal-Ligijiet ta' Malta mahsuba illi jistghu isiru f'kawza ta' separazzjoni personali u jinghataw id-disposizzjonijiet kollha sussegwenti necessarjii u ancillari;*

8. *Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti di xjenza propria;*

*Ghaldaqstant l-esponenti in vista ta' dak kollu premess titlob lill-intimat jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;*

1. *Titlob sabiex jigu allegati l-atti tal-Medjazzjoni ta' bejn il-partijiet.*

2. *Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi.*

3. *Tapplika kontra l-intimat l-effetti u l-penalitajiet kollha stabbilit fl-Artikolu 48 u*

*51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentament tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar id-19 ta' April, 1996 ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Tiddikjara illi l-intimat ddekada mill-fakulta li jitlob u/jew jircievi xi forma ta' manteniment u dan ghar-ragunijiet kif premessi.*

6. *Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti u kwalunkwe proprjeta komuni ohra eziztenti bejn il-partijiet occorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*

7. *Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti jew b'xi mod iehor komproprjeta taz-zewg partijiet f'zewg ishma illi in segwitu ghat-talbiet precedenti, ma jkunux ugwali u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti ai termini tal-istess.*

8. *Tassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u/jew il-valur tal-istess u tordna lill-intimat jirritorna l-beni kollha parafernali tal-attrici jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz.*

9. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors u d-digriet tas-smiegh gew notifikati permezz tal-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni skond il-ligi;

Rat illi l-konvenut baqa' ma ressaqx ir-risposta mahlufa tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fakolta moghtija lill-intimat ai termini tal-Art. 158(10) Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex jippresenta s-sottomissjonijiet tieghu;

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

**Ikkonsidrat;**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni, huwa baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> "***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta'***

> ***principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***"

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

**<u>It-talba ghad-divorzju</u>**

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi proceduri ghad-divorzju bejn partijiet li jkunu ghadhom m'humiex legalment isseparati ghandhom jigu inizjati permezz ta' rikors li bih ir-rikorrent jitlob awtorizzazjoni sabiex jintavola proceduri ta' divorzju. Dan skont dak li jiddisponi ir-Regolament numru 4(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 li jipprovdi:-

> "*Meta konjuġi tkun trid tipproċedi biex tibda kawża għas-separazzjoni personali jew divorzju kontra l-konjuġi l-ieħor jew l-oħra, dik il-parti għandha l-ewwel titlob l-awtorità li tipproċedi mill-Qorti ċivili (Diviżjoni tal-Familja) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Diviżjoni tal-Familja) skond il-każ, kull wieħed minn dawn il-qrati, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "il-Qorti", billi tippreżenta ittra, fil-każ ta' separazzjoni personali, jew billi tippreżenta **<u>rikors, fil-każ ta' divorzju</u>**, kif ikun il-każ, għal dan il-għan fir-reġstru tal-Qorti indirizzata lir-Reġistratur fejn fiha jiġi indikat kemm l-isem u l-indirizz ta' min ikun qed jippreżenta l-ittra kif ukoll dawk tal-parti l-oħra u jitolbu lill-Qorti tawtorizza lilha jew lilu biex jipproċedu.*" [enfazi tal-Qorti]

Il-Qorti rat illi l-attrici kienet intavolat ittra datata 20 ta' Settembru 2018, u mhux rikors, permezz ta' liema talbet l-awtorizazzjoni tal-Qorti "*…sabiex tipprocedi bi proceduri mehtiega ghas-separazzjoni minn mar-ragel AA.*" Ghalhekk fi kwalunwke kaz jirrizulta li l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi bi proceduri ta' separazzjoni personali biss u mhux ta' ukoll bi proceduri ta' divorzju.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 66G (2) (a) f'kaz fejn il-partijiet ikunu ghadhom m'humiex legalment separati, l-avukat tar-rikorrent ghandu l-obbligu illi jipprezenta nota mar-rikors promotur, jew sa l-ewwel smiegh tal-kawza fejn jikkonferma illi huwa osserva l-htigijiet tal-

Artikolu 66G (1). Minn ezami tal-atti ma jirrizultax illi din in-nota giet prezentata.

Illi ghaldaqstant jirrizulta illi dawn il-proceduri huma milquta b'difetti procedurali serji u ghaldaqstant il-Qorti tqis illi ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-attrici sabiex jigi ddikjarat il-hall taz-zwieg tal-partijiet.

**<u>It-talba ghas-separazzjoni personali</u>**

L-attrici qed titlob ukoll is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut AA minhabba r-ragunijiet premessi minnha fir-rikors guramentat. Il-Qorti rat illi l-attrici premettiet hekk fir-rigward tar-ragunijiet ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet:

> ***"4. Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi riferibilment l-abbandun tal-intimat li circa sitt (6) ilu telaq mid-dar matrimonjali dan ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta."***

L-artikolu 41 tal-Kodici Civili li fuqu l-attrici qed tibbaza t-talba taghha ghas-separazzjoni personali jipprovdi illi:

> "***Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba***."

Minn qari tar-rikors guramentat, ma jirrizultax illi l-attrici qed tibbaza din l-azzjoni fuq xi kawzali ohra hlief il-kawzali tal-abbandun tal-konvenut ai termini tal-artikolu 41 tal-Kodici Civili.

In sostenn tal-premessa taghha, l-attrici prezentat l-affidavit taghha (fol. 257A) fejn xehdet illi l-partijiet kienu izzewgu fis-sena 1996 u kellhom lil binhom D fis-sena 2000. Hija spjegat li fis-sena 1998 il-partijiet kienu stabbilew id-dar matrimonjali taghhom f'apartament bil-kera fi Sliema. Dwar meta gie fi tmiemu z-zwieg tal-partijiet tghid testwalment hekk: "*Infridna fis-sena 2012 tlett xhur minn meta miet il-papa.* ***Tlaqt nghix ma' Ommi*** *kif diga ghedt.* ***Naf li hu baqa' jghix gewwa l-flat ta' Tas-Sliema*** *sakemm fl-ahhar keccewh.*" [enfazi ta' din il-Qorti]

Illi ghalhekk l-abbandun li l-attrici taddebita lill-konvenut mhux biss ma jirrizultax izda huwa

sahansitra kontradett mix-xhieda taghha stess. Mix-xhieda moghtija mill-attrici fl-affidavit taghha jirrizulta li kienet proprju hi li telqet mid-dar matrimonjali, filwaqt illi l-konvenuta baqa' hemm. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-addebitu ta' abbandun kontra l-konvenut ma jirrezultax pruvat skont il-ligi.

Detto dan, il-Qorti rat illi fil-premessa numru 6 l-attrici ddikjarat is-segwenti:

> **"*Illi ghalhekk ghar-ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi illum il-gurnata l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibli u ma tezisti ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*"**

Il-Qorti rat ukoll illi skont il-proviso tal-artikolu 40 tal-Kodici Civili:

> "*Iżda ma tistax tintalab firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment qabel ma jgħaddu erba' snin mid-data taż-żwieġ,u iżda wkoll,* ***il-qorti tista' tiddikjara l-firda għal dik ir-raġuni minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni****.*" [enfazi ta' din il-Qorti]

Ghalhekk, in vista tas-sitt premessa tar-rikors guramentat tal-attrici, u in vista tal-proviso tal-artikolu 40 tal-Kodici Civili, il-Qorti tqis illi f'din il-kawza tista' tigi ddikjarata l-firda ghaliex il-ħajja flimkien ma ghadhiex aktar possibbli peress illi ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irremedjabilment.

Mill-affidavit tal-attrici jirrizulta li l-hajja konjugali bejn il-partijiet kienet wahda tassew infelici, fejn il-partijiet kienu jiggieldu ta' sikwit, hafna drabi minhabba li l-konvenut kien ikun xurban. Jirrizulta wkoll mill-affidavit tal-attrici li l-partijiet ma kienux jaqsmu l-introjtu taghhom u l-ispejjez bejn xulxin izda, minkejja li ma eskludewx l-applikabbilita tal-komunjoni tal-akkwisti ghaz-zwieg taghhom, finanzjarjament baqghu jghixu daqs li kieku qatt ma zzewgu, u l-konvenut kien dejjem jonqos milli jikkontribwixxi ghall-ispejjez tal-hajja u ta' binhom. Mill-istess affidavit jirrizulta li l-partijiet kienu sahanistra waslu sabiex jippublikaw il-kuntratt ta' separazzjoni taghhom, li kien diga gie awtorizzat mill-Qorti, izda dan baqa' ma sarx peress illi l-konvenut ma kienx deher ghall-publikazzjoni tieghu, u jidher illi minn dakinhar ma kien hemm l-ebda tentattiv ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Fid-dawl ta' dan, u ikkonsidrat illi l-attrici

ma addebitat l-ebda kawzali ohra kontra l-konvenut bhala htija ghat-tifrik taz-zwieg, il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghaliex il-ħajja flimkien ma ghadhiex aktar possibbli peress illi ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irremedjabilment.

**Il-komunjoni tal-akkwisti u beni parafernali**

Mill-affidavit tal-attrici jirrizulta illi d-dar matrimonjali tal-partijiet kienet okkupata minnhom taht titolu ta' kera, u li l-partijiet kienu gew zgumbrati minn dan il-fond. Ma jirrizultax illi l-partijiet kienu akkwistaw xi proprjeta immobbli waqt iz-zwieg taghhom.

Mill-provi jirrizulta illi l-partijiet ma kellhom l-ebda *joint account*, u jirrizulta li kull parti kellom kont personali intestat f'isimha biss.[1] Il-Qorti tqis illi kull parti ghandha tigi assenjata dawk il-kontijiet li jinsabu intestati f'isimha. Mill-affidavit prezentat mill-attrici ma jirrizulta illi l-partijiet akkwistaw xi assi ohrajn matul iz-zwieg. Il-Qorti tqis illi ghal kull buon fini ghandu wkoll jigi assenjat lil kull parti kwalunwke dejn illi jkun intestat f'isem dik il-parti.

Rigward beni parafernali, il-Qorti rat illi l-attrici ma ressqet l-ebda prova li hemm xi beni parafernali li ghandhom jigu assenjati lilha. Il-Qorti ghalhekk tqis li din it-talba ghandha tigi michuda stante nuqqas ta' provi.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba attrici u tichad it-tielet, il-hames u t-tmien talba,**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghaliex il-hajja flimkien m'ghadhiex iktar possibli peress illi z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabbilment;**

2. **Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;**

3. **Tilqa' s-seba talba u tordna illi l-kontijiet bankarji ezistenti jigu assenjati lil dik il-parti fuq isem min ikunu intestati u tordna wkoll illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn intestat f'isimha, bi dritt ta' rivalsa fil-kaz illi**

[1] Ara x-xhieda ta' Joanna Bartolo in rapprezentenza ta' Bank of Valletta plc (fol. 44) u x-xhieda ta' Lorraine Attard in rapprezentanza ta' HSBC Malta plc (fol. 46).

**jkollha taghmel tajjeb ghal xi dejn intestat lil parti l-ohra;**

4. **Tilqa' limitatament id-disa' talba, billi tawtorizza lill-attrici tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ghandhom jithallsu in kwantu ghal hamsin fil-mija (50%) mill-attrici u hamsin fil-mija (50%) mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**